A.L. 240 ta' l-2002

ATT DWAR LOTTERIJI U LOGĦOB IEĦOR 2001 (ATT. XXIV tal-2001)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 1 ta' l-Att tal-2001 dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, il-Ministru tal-Finanzi stabbilixxa 2 ta' Settembru, 2002, bħala d-data meta dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' l-imsemmi Att għandhom jidħlu fis-seħħ:

-Taqsima I – Preliminari;

-Taqsima II – Tifsiriet;

-L-Artikoli 3, 4, 5, 6 u 8 tat-Taqsima III – Prinċipji Ġenerali;

-Taqsima IV – Twaqqif u Funzjonijiet ta' l-Awtorità Dwar il-Lotteriji u l-Logħob;

-Taqsima V – Uffiċjali u Impjegati tal-Awtorità;

-Taqsima VI – Il-Lotterija Nazzjonali;

-Taqsima IX – Flus għall-Logħob;

-Taqsima X – Disposizzjonijiet Finanzjarji;

-L-Artikoli 67, 68, 69, 70, 72, 73 u 74 tat-Taqsima XII – Reati u Pieni;

-L-Artikoli 75, 76, 77, 78, 79, 80 (1), 80 (2), 80 (3) (d) (f) (g), 80 (4) u 80(5) tat-Taqsima XIII – Disposizzjonijiet Supplentali.